# 30. L-Imdina

Belt tal-Imdina,
illum tgħix siekta qisek mara xwejħa,
mimlija qima,
ġo dar qadima
mimlija tifkiriet
ritratti
ta' Pawlu, ta' Publiju, ta' Ruġġieru,
ta' l'Isle Adam,
gran mastri, kavalieri,
iħkma, ġurati,
kanonċI, isqfijiet, inkwiżituri,
knejjes, palazzi, swar u katakombi,
kanuni, dehebijiet u flus antiki…
siekta bil-lejl, binhar,
tħares mis-swar għoljin fuq bliet u rħula
fuq blat u raba'
ta' Malta tiegħek!

Iżda int fiż-żmien,
Belt tal-Imdina,
kont mara kollok saħħa li taf tislet
ix-xabla kontra l-għadu;
mis-swar għoljin
tgħasses it-torrijiet madwar il-gżira,
u kif id-dħaħen tara,
tiġbor 'l uliedek qisek qroqqa twajba
fil-kenn tal-ġwienaħ tiegħek,
u mqita thedded bil-munqar 'l-għedewwa…
Taf it-taqbida
ta' Għajn il-Klieb,
l-assedju ta' Dragut u Suliman,
u elf ħbit ieħor;
taf it-tislita
mat-truppi ta' Vaubois fit-toroq tiegħek,
u minn kull ġlieda
int ħriġt bil-ġieħ il-belt qatt qatt mirbuħa!

Belt tal-Imdina,
illum aħna fittixna l-bliet miftuħa

għaliex it-toroq tiegħek
dojoq iż-żejjed;
iżda kull sena
niġu nżuruk;
mill-Pwales, mill-Imtaħleb, mill-Girgenti
inġibu ġmiel ta' ħawh, tuffieħ, għajnbaqar
bajtar u frawli,
l-ibaħ ifrat u baqar,
u nagħmlu wirja
ġewwa l-Buskett,
u nqattgħu lejl ingħannu
għanjiet missirijietna,
u naqlu l-fniek;
u l-għada fil-għaxija
ma' tul it-telgħa tiegħek
intellqu l-bhejjem
għall-paljijiet imlewna tad-damask.
Iżda inti tibqa' siekta, ja Belt xwejħa,
u turi ferħek
billi mis-swar għoljin tixgħel il-fjakkli…
In-nies mill-gżira kollha
tarak u tgħid "L-Imnarja!"

Belt tal-Imdina,
inħobbok inħobbok inħobbok
bin-nar tal-qalb daqs kemm inħobb
lil ommi xwejħa!

1/7/68